MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru. 633/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**GIUSEPPE CASSAR ta' 50 sena, iben George u Catherine nee' Borg, imwieled iz-Zejtun nhar is-17.09.1959, residenti fil-fond 8, Kons, Triq Abdosir, Marsaxlokk, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 646 859 M;**
**U JOSEPH FARRUGIA ta' 57 sena, iben Alfred u Carmen nee' Ciantar, imwieled Birkirkara nhar it-18.07.1953, residenti fil-fond numru 3, Triq it-Tabib Zammit, Balzan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 538 452 M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **GIUSEPPE CASSAR** u **JOSEPH FARRUGIA** li gew akkuzati talli:

1. Nhar it-22 ta' Gunju, 2010 ghall-habta tas-01:30 ta' fil-ghodu, minn gewwa r-residenza bl-isem St Anthony, Triq il-Power Station, Marsaxlokk, ikkommettew serq ta' oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Horace Fenech u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma huwa izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan ghad-detriment ta' Horace Fenech u/jew persuna jew persuni ohra;

3. U aktar talli rrendew ruhhom recidivi b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

**Lil Giusepp Cassar wahdu talli:**

4. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Liberta' Provizorja mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D fl-20 ta' Novembru, 2007, b'dan li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht garanzija personali ta' €1,164.69 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser kundizzjonijiet tal-Liberta' Provizorja mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr

Abigail Lofaro fil-15 ta’ Dicembru, 2003 f’dan li ma jikkommetix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht garanzija personali ta’ Lm10,000.00 u depozitu ta’ Lm1,000.00 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli kkommetta reat ta’ natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, imposta fuqu b’sentenza datata nhar il-25.05.2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

**Lil Joseph Farrugia wahdu:**

7. Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Liberta’ Provizorja mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. nhar is-27.11.2007 f’dan li ma jikkomettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta’ €1,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti kif preseduta, ghal liema l-imputati ddikjaraw li ma kellhom ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputati fl-istadju ta’ l-interrogatorju, u dan wara li nghatat zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jahsbu fuq l-istess;

Rat l-Artikoli 261, 49 u 50, u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni qieghda ssib lill-imsemmija **GIUSEPPE CASSAR** u **JOSEPH FARRUGIA** hatja ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghhom, u qieghda ghaldaqstant tikkundannahom ghal sentejn (2) habs kull wiehed, u dan skond l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tissollecita lid-Direttur tal-Habs illi jsiru arrangamenti anke ma' l-Animal Welfare li mir-residenza tal-ko-imputat Cassar jinhargu l-annimali hemm mizmuma.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------